C/2025/6715

16.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12268 — EDF / NEOENERGIA / ENERGÉTICA ÁGUAS DA PEDRA JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6715)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EDF BRASIL HOLDING S.A. ("EDF Brasil", il-Brażil), finalment ikkontrollata minn Électricité de France S.A. ("EDF Group", Franza) li hija kkontrollata mill-Gvern Franċiż,

— Neoenergia S.A. ("Neoenergia", il-Brażil), finalment ikkontrollata minn Iberdrola S.A. ("Iberdrola", Spanja),

— Energética Águas da Pedra S.A. ("EAPSA", il-Brażil), li bħalissa hija proprjetà ta' Neoenergia.

EDF Brasil u Neoenergia se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' EAPSA.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EDF Brasil hija s-sussidjarja Brażiljana ta' EDF Group. EDF Group huwa grupp multinazzjonali attiv fis-segmenti kollha tas-swieq tal-elettriku. EDF Brasil hija partikolarment attiva fis-settur tal-idroenerġija.

— Neoenergia hija l-kumpanija azzjonarja tal-grupp Neoenergia, li jikkonsisti f'kumpaniji li huma attivi fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku fil-Brażil. Il-grupp Iberdrola huwa grupp multinazzjonali tal-enerġija, li għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu fi Spanja, attiv fis-segmenti kollha tas-swieq tal-elettriku.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' EAPSA huma l-iżvilupp ta' attività relatata mal-ġenerazzjoni tal-elettriku permezz tal-impjant idroelettriku UHE Dardanelos fl-istat ta' Mato Grosso, il-Brażil, u l-ġestjoni tal-linji ta' trażmissjoni fl-istess reġjun, unikament għall-fini tat-trażmissjoni tal-elettriku ġġenerat f'UHE Dardanelos.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12268 — EDF / NEOENERGIA / ENERGÉTICA ÁGUAS DA PEDRA JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË